

# Memorji minn Triq Emanuele Vitale

Eric Montfort

Triq Emanuele Vitale mhux biss hija waħda mill-eqdem toroq li nsibu fil-Ħamrun iżda fiha nfisha hija wkoll triq storika mhux biss minħabba isimha, imma wkoll minħabba n-nies li għexu fiha tul is-snin.




Din it-triq bħat-toroq l-oħrajn ta' madwarha, bħal Triq id-Duluri, huma fost l-iktar toroq antiki li nsibu fil-Ħamrun. Forsi mhux antika daqs l-akkwati tas-Samra, iżda żgur għandha iktar minn mitt sena għax lejn it-tieni nofs tas-seklu 19, meta l-Ħamrun kien diġà qed jikber minħabba li żdiedet l-attività madwar il-Port il-Kbir, kif ukoll iktar nies mir-Rabat, is-Siġġiewi, u Ħaż-Żebbug li sabu xogħol fil-Belt Valletta jew il-Furjana ippreferew joqogħdu qrib għax dak iż-żmien, ftit qabel il-miġja tal-ferrovija, vjaġġ bil-karozzin jew karretun mir-Rabat għal Belt kien jaf idum għaddej tliet sigħat!

Il-Ħamrun ra żjieda fil-popolazzjoni tiegħu, iktar ma beda jgħaddi ż-żmien, tant hu hekk li f'*Lo Maschetore*, gażżetta li kienet toħrog dak iż-żmien, f'artiklu tat-22 ta' Novembru tal-1873, kien hemm referenza għall-popolazzjoni f'Casale San Giuseppe, li diġà kienet laħqet il-5000 ruħ. Il-miġja tal-ferrovija f'Malta fl-1883 għen fiż-żjieda tal-popolazzjoni tal-Parroċċa ġdida u din il-popolazzjoni kienet ikkonċentrata mhux ħażin fi Triq Irjali San Ġużepp, u l-imsemmija toroq wara l-Knisja.

Barra minn hekk, Triq Emanuele Vitale, fiha nfisha hija wkoll marbuta mal-istorja ta' Malta għax hi msemmija għall-patrijott Malti Emanuele Vitale, li kien nutar. Huwa kien il-Kmandat Suprem tal-Assemblea Nazzjonali li twaqqfet meta l-Maltin ħaduha kontra l-ħakma iebsa u tirannika Franċiża bejn l-1798 u l-1800. L-akkwati tas-Samra kellhom wkoll rwol importanti f'dan iż-żmien iebes u kruċjali fl-istorja ta' pajjiżna għax hawnhekk, il-Maltin kienu jżommu għassa fuq il-Belt Valletta. Wieħed irid jgħid, li ftit iktar minn mitejn sena ilu, Triq Irjali San Ġużepp kienet biss mogħdija ftit wiesa' mħaddna bis-siġar fuq żewġ naħat, u kienet tħaddan ir-raħal magħruf bħala Casale San Giuseppe. L-akkwati tal-Blata l-Bajda sal-Bombi kienu raba' u art mogħxa. La kien hemm il-msaġar ta' Braxia u Tal-Pietà, u l-bini li seta' kien hemm, li kien verament ftit li xejn, kien jikkonsisti f'xi razzett iżolat lejn il-Blata l-Bajda jew xi għorfa jew girna. Għalhekk, l-Għolja tas-Samra kienet tipprovdi veduta tajba ħafna fuq il-Port il-Kbir, kif ukoll fuq il-fortifikazzjonijiet madwar il-Belt Valletta. Illum, bilkemm kemm wieħed jista' jara l-Port il-Kbir mill-ibjut tal-binjiet li nsibu hawnhekk, tant kemm żviluppat din in-naħa tal-Ħamrun.

Iżda rridu ngħidu wkoll li fi Triq Emanuele Vitale, twieldu, jew trabbew nies prominenti u li rnexxew f'bosta oqsma l-iktar fl-arti u l-kultura tagħna. Dawn huma Michael Laus, li jmexxi l-Orkestra Nazzjonali, Ronald Pisani, marmista magħruf, il-kantant veteran Nunzio Galdes, l-eks kantant Tony Agius, Raymond Mangion, storiku u riċerkatur, kif ukoll il-mibki Pawlu Burlò li ħadem ħafna biex imexxi l-kelma t'Alla fil-Ħamrun.

Michael Laus huwa magħruf bħala d-Direttur tal-Orkestra Nazzjonali u tul is-snin huwa ħadem fuq bosta xogħlijiet mużikali klassiċi u operistiċi. Huwa wkoll iddistingwa ruħu bħala pjanista kif ukoll fid-daqq tal-*harpsichord* u fis-sena 2004, huwa waqqaf l-Orkestra Nazzjonali taż-Żgħażagħ. Huwa wkoll mexxa l-Orkestra Sinfonika ta' Bournemouth,



l-Orkestra Filarmonika Slovakka, u l-Orkestra Radjofonika Slovakka, kif ukoll l-Orkestra Sinfonika ta' Berna, Svizzera. Għandu numru ta' *recordings* fuq CD u mill-1994 'l hawn, huwa okkupa l-kariga ta' Associate Professor fl-Università ta' Malta.

Nunzio Galdes huwa wkoll intimament marbut mal-Ħamrun u ma' Triq Emanuele Vitale. Ħafna jafu lil Nunzio Galdes bħala wieħed mill-iktar kantanti attivi jispeċjalizza f'ħafna mużika sabiħa lirika u nostalġika. Mhux l-ewwel darba li Galdes kanta wkoll waqt iċ-ċelebrazzjonijiet fil-Festa ta' San Gejtanu. Għalkemm m'għadux joqgħod iktar il-Hamrun, xorta waħda għadu marbut ħafna mal-Ħamrun u mal-mużika. Galdes, wara kollox ġej minn familja mużikali u waħda minn neputijiet tiegħu, Dorothy Galdes, illum magħrufa bħala Dorothy Fearon, għandha l-unur tgħid li hija l-unika artista Maltija li qatt irnexxielha titla' san-numru wieħed fil-klassifika Brittanika. Dan għamlitu permezz tas-silta *Let Me Be Your Fantasy* lura fl-1996. Dakinhar hi kienet magħrufa bħala Baby D. Galdes, li ilha tgħix fir-Renju Unit mindu kienet zgħira għax il-ġenituri tagħha emigraw hemmhekk, kienet ukoll attiva fil-grupp magħruf bħala *Galaxy,* grupp tad-dance influwenzat mis-soul Amerikan li kien popolari f'nofs is-snin 80. Illum, bintha Steph qed ukoll tittanta xortiha bħala kantanta.

Ma nistgħaġeb xejn li ħargu daqshekk nies marbutin mal-mużika minn dawn l-akkwati, għax il-Ħamrun kellu bosta postijiet tad-divertiment, fosthom l-Odeon, li kien qrib ħafna ta' din it-triq. Kien iservi primarjament bħala ċinima imma kienu wkoll isiru xi rappreżentazzjonijiet fuq il-palk. Mhux wisq 'il bogħod kien hemm ir-*Radio City*, li kien jiġbed lejh nies minn Malta kollha bl-opri u l-operetti u nies ferm magħrufa, u kien hemm ukoll swali taċ-ċinema bħall-*Hollywood*, il-*Cristoforo Colombo*, ix-*Chant Éclair*, u l-*Lumiere.* Mill-Ħamrun u mill-ġdid għal Triq Vitale. Minnha ħareġ ukoll Tony Agius, kantant li kien mogħni b'vuċi mill-aqwa u kemm-il darba kien jidher fuq it-televiżjoni Malti li fil-bidu tas-

snin 60, kienet fl-infanzija tiegħu. Agius anke kanta barra minn Malta, u darba minnhom, lura fl-1965, anke ħa sehem fil-Festival ta' Martina Franca fl-Italja. Miegħu kien tela' Joe Grech, l-ewwel kantant Malti fil-Festival tal-Eurovision. Dak iż-żmien kienet verament rari li barrani jieħu sehem f'Festival Taljan. Joe Grech attwalment spiċċa rebaħ il-kategorija tal-aħjar kantant barrani. Hija ħasra kbira li minħabba inċident tat-traffiku, intemmet ħesrem il-karriera ta' Tony Agius, għax minħabba dan l-inċident, huwa kellu jieqaf mill-kant.

Ray Mangion, bħala storiku, etnografu u *lecturer* fl-istorja u fil-liġi fl-Università ta' Malta għandu għalfejn ikun ferħan li għex fi triq imsemmija għal eroj Malti. Mangion kiteb bosta kotba interessanti u li għandhom valur ferm importanti fl-istorja ta' Malta. Dan l-aħħar huwa ppublika transkritti tal-proċeduri tal-Kunsill tal-Gvern bejn l-1835 u l-1849, pubblikazzjoni li tirreferi għall-aspetti legali u storiċi f'dan iż-żmien. Huwa qed jaħdem fuq bosta proġetti oħra fosthom, proġetti ta' riċerka dwar il-Ħamrun. Kienet inizjattiva tiegħu li jsir dan l-artiklu. Mangion għex l-ewwel sentejn ta' tfulitu hemmhekk. Huwa kompla jgħidli li Ronald Pisani, marmista ferm magħruf trabba wkoll fi Triq Vitale. Pisani, magħruf għal bosta xogħlijiet fl-irħam madwar Malta u Għawdex kif ukoll barra minn Malta, fosthom l-Ingliterra, għandu, kif mistenni ħafna xogħlijiet il-Ħamrun. Dawn jinkludu lapida fil-Każin ta' San Ġużepp u statwa ta' San Ġorġ Preca fil-Każin ta' San Gejtanu. Kien jgħix f'numru 32/33 qrib ħafna in-niċċa tal-Madonna tal-Kunċizzjoni. "Kienet din in-niċċa li spirat lil Pawlu Burlò, li bħala devot tal-Madonna għamel daqshekk xogħol fejjiedi u spiritwali," kompla jgħidli Ronald li għex hemmhekk għal kważi 25 sena.

Għalhekk, fl-aħħar iżda żgur mhux l-inqas, irridu nsemmu x-xogħol fejjiedi reliġjuż li ħalla warajh Pawlu Burlò, Belti li ġie joqgħod fi Triq Vitale meta żżewweġ. Kien devot kbir tal-Madonna u żamm ħafna mat-tradizzjoni li kien ikollha kull familja fejn kienet iżżomm rokna



żgħira iddedikata lil xi qaddis. Hekk kien jagħmel Pawlu Burlo, billi kien iżomm artal żgħir u fil-Ħamrun, kellu kappella ċkejkna sabiex fiha, flimkien mal-familja tiegħu, kien jgħid ir-Rużarju kuljum. Minn hemm, lura fix-xahar ta' Mejju 1920, kienet ġietu l-idea li jlaqqa' t-tfal tal-inħawi sabiex jgħidu r-Rużarju mal-familja. Huwa kompla din id-drawwa sena wara u din id-darba stieden ukoll lill-ġenituri u nies oħra.

Tant kien kbir ir-rispons, li Pawlu Burlò kellu jikri post ieħor fejn kabbar l-istess kappella, iddedikata lill-Immakulata Kunċizzjoni. Minn hemm bdiet id-devozzjoni li wasslet għall-bini ta' knisja li eventwalment saret it-titular tal-parroċċa l-ġdida tal-Ħamrun fl-1968. Kif jixraq, illum wara l-istess Knisja tal-Immakulata Kunċizzjoni hemm triq imsemmija għal Pawlu Burlò. Attwalment din it-triq ħadet parti minn Triq Emanuele Vitale, u parti oħra minn din it-triq issemmiet għal Dun Edgar Vella, li wkoll ħadem ħafna f'din il-parroċċa. Illum, dawn l-akkwati inbidlu sew. Telgħu binjiet ġodda qrib lejn Triq il-Għajn u flok l-Odeon hemm blokk appartamenti. Min jaf jekk nibqgħux naraw iktar bidliet fid-dehra ta' dawn it-toroq storiċi fil-Ħamrun?